

Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li l-Artikolu 2 tat-tieni deċiżjoni kkontestata joħloq diskriminazzjoni kontra uffiċjali mħallsa taħt l-allokazzjonijiet "Riċerka" li jitolbu li jiġu ttrasferiti qabel ma jiskadi t-terminu ta' sentejn mir-reklutament tagħhom, safejn l-uffiċjali jtilfu l-punti tagħhom wara t-trasferiment, fil-waqt li l-uffiċjali li jiġu ttrasferiti *ex officio* jew li jokkupaw post-tiet li huma kkunsidrati bħala sensitivi jżommu l-punti tagħhom.

### Rikors ippreżentat fit-13 ta' April 2007 — Skareby vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-34/07)

(2007/C 129/46)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Carina Skareby (Bichkek, Kirghizistan) (rappreżentanti: S. Rodrigues u C. Bernard-Glanz, avocats)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannula r-rapport ta' evoluzzjoni tal-karriera (REC) tar-rikorrenti għas-sena 2005;
- tannula, skond il-bżonn, id-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra (AIPN) li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti;
- tindika lill-AIPN l-effetti li jġib miegħu l-annulament ta' l-atti kkontestati, u b'mod partikolari l-adozzjoni ta' REC ġdid għas-sena 2005, din id-darba fl-osservanza tar-regolamenti statutorji;
- tikkundanna lill-AIPN tħallas lir-rikorrenti: i) somma ffissata *ex aequo et bono* għal EUR 15 000 bħala kumpens għad-danni morali li hija sofriet; ii) somma ffissata *ex aequo et bono* għal EUR 15 000 bħala kumpens għad-danni professjonali li hija sofriet; iii) somma li tiġi ffissata b'mod ekwu mit-Tribunal, bħala kumpens għad-dannu finanzjarju li hija sofriet, kull waħda minn dawn is-somom għandha tiżdied bl-interessi għad-dewmien bir-rata legali b'effett minn meta ssir eżiġibbli;
- tikkundanna lill-konvenuta tbatlha l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Sabiex isaħħaħ ir-rikors tagħha, ir-rikorrenti l-ewwel nett issostni l-inosservanza tar-regoli dwar l-istabbiliment tar-REC. L-amministrazzjoni kisret ir-regoli tal-proċedura stabbilita mid-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni ta' l-Artikolu 43 ta' l-Istatut u wettqet żballji manifesti ta' evalwazzjoni.

Ir-rikorrenti imbagħad tinvoka l-ksur tad-drittijiet tad-difiża, tal-prinċipju ta' l-amministrazzjoni tajba u tad-dover tal-premura.

Hija fl-aħħar nett issostni li l-amministrazzjoni wettqet abbuż ta' poter u svijat mill-proċedura.

### Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2007 — Lebedef vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-36/07)

(2007/C 129/47)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrent:* Giorgio Lebedef (Senningerberg, Il-Lussemburgu) (rappreżentant: F. Frabetti, avocat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrent

- l-annullament tar-Rapport ta' Żvilupp ta' Karriera (RŽK) tar-rikorrent għall-perijodu 1.1.2005 — 31.12.2005 u iktar preċiżament il-parti tar-RŽK stabbilita minn Eurostat għal dan l-istess perijodu
- li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tiġi ordnata tbatlha l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni ta' l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Persunal u b'mod iktar speċifiku d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-rappreżentanti sindakali u statutarji, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u tar-regola "patere legem quam ipse fecisti".